**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-"Applikazzjoni tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat sabiex jiġi kkumpensat il-forniment ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali**

**(Deċiżjoni 2012/21/UE u Qafas Komunitarju)"**

**(Opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2017/C 345/07)

Relatur: **Milena ANGELOVA**

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja | 22.9.2016 |
| Bażi legali | Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura |
| | Opinjoni fuq inizjattiva proprja |
| Sezzjoni kompetenti | It-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni |
| Adottata fis-sezzjoni | 14.6.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 6.7.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 527 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 116/0/0 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) japprezza l-implimentazzjoni tal-pakkett tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (SGEIs), li ġġib iċ-ċertezza tad-dritt għall-fornituri tas-servizz pubbliku. Il-pakkett jilħaq bilanċ ġust bejn il-ħtieġa li jitrawwem u jiġi sostnut l-SGEI u l-objettiv li jiġu evitati distorsjonijiet potenzjali tal-kompetizzjoni. Madankollu, il-partijiet ikkonċernati fil-livell reġjonali u lokali, b'mod partikolari l-fornituri ta' SGEI bi sjieda pubblika (kif muri mill-istudju tal-KESE *Review of Member States' reports on the implementation of the European Commission Decision on the provision of State aid to the provision of services of general economic interest* (Reviżjoni tar-rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-provvediment tal-għajnuna mill-Istat għall-forniment ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali)), qed jesprimu t-tħassib tagħhom dwar kwistjonijiet ewlenin fir-regoli attwali li joħolqu ostakoli bla bżonn jew nuqqas ta' ċertezza tad-dritt u għalhekk il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa biex ittejjeb ir-regoli attwali u l-applikazzjon — teżamina l-ħtieġa li jiġi aġġornat u emendat il-pakkett.

1.2. Waqt ir-reviżjoni tal-ewwel żewġ gruppi ta' rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-pakkett tal-SGEI, il-KESE jinnota bi tħassib li dawn ma jittrattawx il-kwistjoni essenzjali tar-rekwiżiti ta' kompatibbiltà, kwistjoni trattata fil-fond mill-Qafas.

1.3. Il-KESE jinnota li, f'ħafna mill-każijiet, in-nuqqas ta' ċertezza jew l-ispejjeż sostanzjali involuti fis-sodisfazzjon tar-rekwiżiti joħolqu ostakoli li mingħajr raġuni jipprevjenu lill-awtoritajiet milli jimplimentaw bis-sħiħ il-politika tal-SGEI. Dan it-tfixkil jaffettwa b'mod akut lill-awtoritajiet reġjonali u lokali, għaliex id-djalogu bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar każijiet ta' għajnuna mill-Istat jitwettaq mill-gvern ċentrali, filwaqt li livelli amministrattivi oħra ma jgawdux aċċess dirett għal dan il-proċess.

1.4. Il-fatt li jiġu rrappurtati biss ftit SGEI fil-livell reġjonali jew lokali (skont l-istudju msemmi hawn fuq) juri li n-nuqqas ta' mezzi diretti mal-Kummissjoni jfixkel il-finanzjament xieraq tas-servizzi pubbliċi, li jżomm lill-awtoritajiet xierqa aktar lura milli jagħmlu użu sħiħ mid-Deċiżjoni u li jneħħu d-dubji rigward l-implimentazzjoni tagħha.

1.5. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea teżamina l-possibbiltajiet li ttejjeb id-Deċiżjoni u testendi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha, sabiex tindirizza dawn l-elementi li ġejjin:

1.5.1. Il-KESE jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tneħħi l-livell limitu tal-eżenzjoni u tinkludil-SGEI kollha fid-Deċiżjoni, irrispettivament mill-ammont ta' kumpens annwali. L-istudju bir-reqqa tal-implimentazzjoni attwali tagħha juri li din se tnaqqas l-ispejjeż u l-kumplessitajiet amministrattivi li nkella jħabbtu wiċċhom magħhom l-awtoritajiet, b'mod partikolari fil-livell lokali, mingħajr ma tfixkel il-kompetizzjoni bl-ebda mod.

1.5.2. Fid-dawl tas-suq tax-xogħol u ta' spariġġi fil-ħiliet dejjem ta' sfida, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-possibbiltà li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni, billi tikkunsidra s-servizzi eliġibbli provduti sabiex ittejjeb l-għarfien u l-kwalifiki tan-nies u b'hekk tgħinhom itejbu l-prospetti tax-xogħol tagħhom.

1.5.3. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni teżamina bir-reqqa u forsi temenda t-testi partikolari tad-Deċiżjoni, prinċipalment relatati ma': il-limitu taż-żmien għaż-żamma tar-rekords tal-informazzjoni kollha meħtieġa biex tiġi ddeterminata l-kompatibbiltà tal-kumpens mogħti; li jiġi ċċarat li l-limitu taż-żmien għall-inkarigi m'għandu jkollu l-ebda effett materjali fuq it-tiġdid jew l-estensjoni tagħhom jew fuq l-eliġibbiltà tal-fornituri ta' servizz li jkollhom il-mandat; l-istabbiliment ta' metodu disponibbli faċilment għall-kalkolu ta' profitt raġonevoli; l-għoti ta' aktar kjarifika meta jiġi indirizzat ir-rekwiżit tal-kondiviżjoni tat-titjib fl-effiċjenza produttiva bejn l-impriża; li jiġi żgurat approċċ aktar flessibbli għal eċċessi żgħar li ma jaqbżux l-10 % tal-kumpens medju annwali li jeżentahom mill-aġġornament tal-parametri.

1.6. Il-KESE jsib li hija meħtieġa aktar kjarifika tal-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà skont il-Qafas, relatati ma':

— l-ispeċifikazzjoni ulterjuri tal-modi alternattivi kif jintlaħaq ir-rekwiżit biex tiġi żgurata l-kompatibbiltà skont l-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li diġà huma użati b'mod wiesa' fil-prattika tiegħu;

— l-evitar ta' rekwiżiti obbligatorji li jistgħu jirkbu fuq il-proċeduri nazzjonali tat-tfassil tal-liġijiet, u joħolqu problemi mhux iġġustifikati;

— it-teħid b'kont xieraq tar-rekwiżiti legali ġodda fir-rigward tal-akkwist u l-konċessjonijiet;

— l-akkoppjar ta' metodoloġija ex ante mal-użu sħiħ tal-kalkolu tal-ispiża netta ex post, sakemm l-awtorità ma tippreferix li tistabbilixxi l-kumpens bħala somma sħiħa fiż-żmien tal-inkarigu;

— l-approvazzjoni taż-żewġ approċċi għall-kalkolu tal-kumpens — Spejjeż Aggregati Netti u Spiża Evitata Netta u tingħata aktar gwida dwarhom fil-Qafas għaliex bħalissa bilkemm fih indikazzjoni ta' kif se jiġu stabbiliti l-kontrofattwali rilevanti;

— li ssir distinzjoni bejn drittijiet speċjali jew esklużivi li jinvolvu vantaġġ li l-profitt tiegħu għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fil-finanzjament tal-obbligi tas-servizz pubbliku u kopertura universali li tinvolvi żvantaġġ għall-fornitur maħtur;

— li tingħata aktar kjarifika dwar l-istandards tal-profitabbiltà u li jiġi permess l-użu ta' standards differenti aktar milli jiġi impost wieħed partikolari fuq l-Istati Membri;

— li jiġu ċċarati aktar il-modi alternattivi tal-kalkolu ta' dawn l-inċentivi, li l-użu tagħhom m'għandux ikun vinkolanti, minħabba l-kumplessità involuta.

1.7. Il-KESE jinnota li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma promulgawx regolamenti li jistabbilixxu l-prinċipji u l-kundizzjonijiet li jirregolaw is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, b'mod partikolari fil-qasam ekonomiku u finanzjarju. Għaldaqstant, jitlob lill-Kummissjoni, lill-Parlament u lill-Kunsill jeżaminaw modi kif jiġi sodisfatt dan il-mandat tal-Artikolu 14 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri u r-regoli tat-Trattat li ssir referenza għalih f'dak l-Artikolu.

## 2. **Is-suġġett tal-opinjoni fuq inizjattiva proprja**

2.1. Fil-pjan ta' azzjoni tiegħu għall-2017, il-KESE enfasizza l-importanza ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali bħala element essenzjali tal-mudell ekonomiku u soċjali Ewropew tagħna, minqux bħala tali fl-Artikolu 14 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

2.2. L-Artikolu 14 jistieden lill-Unjoni u lill-Istati Membri biex fi ħdan is-setgħat rispettivi tagħhom *"jieħdu ħsieb li dawk is-servizzi joperaw fuq il-bażi ta' prinċipji u kondizzjonijiet, b'mod partikolari ekonomiċi u finanzjarji, li jippermettulhom iwettqu l-missjonijiet tagħhom"*. Barra minn hekk, jipprevedi li *"Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu permezz ta' regolamenti skont il-proċedura leġislattiva ordinarja, għandhom jistabbilixxu dawn il-prinċipji u jistabbilixxu dawn il-kondizzjonijiet mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri skont it-Trattati, li jipprovdu, jikkummissjonaw u jiffinanzjaw dawn is-servizzi"*. Dan il-mandat għadu ma ssarrafx f'inizjattivi leġislattivi speċifiċi sa issa. B'kuntrast, il-Kummissjoni Ewropea żviluppat sett ta' regoli wiesa' dwar l-għajnuna mill-Istat applikabbli għall-SGEIs bħala segwitu għall-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

2.3. Il-kundizzjonijiet tal-kompatibbiltà mar-regoli tat-Trattat dwar l-għajnuna mill-Istat u mal-Artikolu 106(2) tat-TFUE kienu kontenzjużi, anke minn meta l-Qorti tal-Ewwel Istanza ddeċidiet fl-1997 ([1]) li l-kumpens mogħti lil kumpaniji li jimplimentaw missjoni ta' servizz pubbliku għandu jitqies bħala għajnuna mill-Istat. Sa dak iż-żmien il-kunsens kien li l-kumpens għall-ispejjeż żejda li jirriżultaw mill-obbligi aktar esiġenti assoċjati mal-SGEIs ma kien jagħti l-ebda vantaġġ. Il-Qorti tal-Ġustizzja qalbet din il-pożizzjoni fl-2001 ([2]), meta qieset li l-kumpens jista' jitqies bħala għajnuna mill-Istat biss jekk jaqbeż l-ispejjeż addizzjonali mġarrba mill-fornitur maħtur. Finalment, id-deċiżjoni Altmark fl-2003 ([3]) stabbiliet il-kriterji li kwalunkwe skema ta' kumpens għandha tissodisfa biex taqa' barra l-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

2.4. Il-Kummissjoni Ewropea tiddetermina l-kompatibbiltà tal-SGEIs mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, u ssegwi mill-qrib it-tliet kriterji introduttorji ta' Altmark. Dan jirrikjedi:

— id-definizzjoni ċara tal-obbligi ta' servizz pubbliku u inkarigu speċifiku lill-fornitur maħtur permezz ta' att pubbliku;

— l-istabbiliment *ex ante* tal-parametri għall-kalkolu tal-kumpens b'mod oġġettiv u trasparenti;

— li l-kumpens ma jaqbiżx l-ispejjeż imġarrba fl-implimentazzjoni tas-servizz pubbliku, meta jitqies id-dħul korrispondenti u profitt raġonevoli;

— l-għażla tal-fornitur maħtur jew:

  — permezz ta' proċedura ta' akkwist pubbliku;

  — jew id-determinazzjoni tal-livell ta' kumpens fuq il-bażi tal-ispejjeż li intrapriża medja, immexxija tajjeb u mgħammra b'mod adegwat, iġġarrab biex tagħti s-servizz, meta mqabbel mad-dħul korrispondenti, flimkien ma' profitt raġonevoli.

2.5. Fl-2005 il-Kummissjoni adottat il-"pakkett Monti-Kroes", aġġornat fl-2011 (il-"pakkett Almunia"), b'regoli ewlenin għall-finanzjament tal-SGEI: il-pakkett jinkludi Komunikazzjoni mill-Kummissjoni ([4]) (minn hawn 'il quddiem il-"Qafas") li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-kompatibbiltà għall-SGEI u Deċiżjoni tal-Kummissjoni ([5]) li teżenta min-notifika l-iskemi li għandhom anqas probabbiltà li jfixklu l-kompetizzjoni minħabba l-finanzjament limitat tagħhom (l-Artikolu 2(1)(1) tad-Deċiżjoni jistabbilixxi l-limitu annwali għal EUR 15-il miljun) jew li għandhom fil-mira tagħhom attivitajiet li jissodisfaw il-ħtiġijiet soċjali (jiġifieri l-isptarijiet; is-saħħa u l-kura fit-tul; l-indukrar tat-tfal; l-aċċess u l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol; l-akkomodazzjoni soċjali; il-kura u l-inklużjoni soċjali ta' gruppi vulnerabbli; u r-rabtiet marittimi mal-gżejjer, l-ajruporti u l-portijiet b'volum baxx ta' passiġġieri). Il-Kummissjoni ddikjarat l-intenzjoni tagħha li twettaq reviżjoni ta' dan is-sett ta' regoli ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tagħhom.

2.6. Bħala parti mill-Programm tiegħu għall-Ewropa, l-objettiv tal-KESE b'din l-opinjoni fuq inizjattiva proprja huwa li jikkontribwixxi għar-reviżjoni li jmiss mill-Kummissjoni billi jagħti ħarsa dettaljata lejn l-esperjenza fl-implimentazzjoni tal-pakkett tal-SGEIs. Għal dan il-għan, il-KESE kkummissjona studju dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-SGEI fir-rigward tal-kumpens pubbliku ("*Review of Member States' reports on the implementation of the European Commission Decision on the provision of State aid to the provision of services of general economic interest* (Reviżjoni tar-rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-provvediment tal-għajnuna mill-Istat għall-forniment ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali)").

([1]) Kawża T-106/95.
([2]) Kawża C-53/00.
([3]) Kawża C-280/00.
([4]) ĠU C 8, 11.1.2012, p. 15.
([5]) ĠU L 7, 11.1.2012, p. 3

2.7. Il-kumpens għall-SGEIs rari jaffettwa l-kompetizzjoni, sakemm ikopri l-ispejjeż żejda mġarrba mill-fornituri maħtura fit-twettiq tal-missjoni ta' servizz pubbliku. Għalhekk, l-impożizzjoni fuqhom tal-piż assoċjat man-notifika tal-għajnuna mill-Istat tidher pass żelanti żżejjed iġġustifikat biss f'każijiet fejn parteċipanti oħra jistgħu jsofru ħsara li ma tistax tiġi miċħuda. B'kuntrast, kondotta li timmina b'mod sever il-kundizzjonijiet tas-suq bħal bejgħ b'dumping minn pajjiżi terzi jew prezzijiet iffissati f'livelli aktar baxxi milli ġġustifikat huma akkumpanjati b'mod inugwali mill-azzjoni Komunitarja. Għalhekk, l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni biex teżenta l-SGEIs min-notifika, flimkien ma' ċertezza tad-dritt imsaħħa u aktar flessibbiltà fl-implimentazzjoni tar-regoli, jidhru essenzjali biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jrawmu dawn is-servizzi essenzjali jintlaħqu b'mod xieraq.

3. **Titjib tad-Deċiżjoni u estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha**

3.1. Il-KESE jemmen li d-Deċiżjoni tilħaq bilanċ ġust bejn il-ħtieġa li jitrawmu u jiġu sostnuti l-SGEIs u l-objettiv li jiġu evitati distorsjonijiet potenzjali tal-kompetizzjoni. L-eżenzjoni min-notifika tnaqqas l-ispejjeż u l-kumplessitajiet amministrattivi li l-awtoritajiet inkella jkollhom jiffaċċjaw, b'mod partikolari fil-livell lokali. Billi l-SGEIs li mhumiex eliġibbli skont id-Deċiżjoni jiffaċċjaw regoli aktar stretti, huma biss każijiet li jqajmu tħassib partikolari għall-kompetizzjoni li għandhom jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha, skont l-għan li r-riżorsi fil-livell tal-UE jkunu kkonċentrati fuq l-iskrutinju tal-għajnuna mill-Istat. L-esperjenza wriet li l-Kummissjoni tapprova l-maġġoranza kbira tal-iskemi tal-SGEIs li teżamina. Huma biss tliet każijiet ta' SGEI li wasslu għal proċedura ta' investigazzjoni fil-fond skont l-Artikolu 108 (2) tat-TFUE sa minn meta ġew ippromulgati d-Deċiżjoni u l-Qafas tal-2012. Żewġ każijiet kienu jinvolvu s-servizzi postali (Għajnuna mill-Istat SA.35608 dwar Hellenic Post (ELTA), u Għajnuna mill-Istat SA.37977 dwar l-Uffiċċju Postali Spanjol) u l-każ l-ieħor skema ta' sptar (Għajnuna mill-Istat SA.19864 dwar il-finanzjament tal-isptarijiet IRIS fir-Reġjun ta' Brussell) wara deċiżjoni tal-Qorti li tannulla deċiżjoni ta' approvazzjoni mill-Kummissjoni għaliex il-kumplessità kienet tfisser li kienet meħtieġa investigazzjoni formali. Fil-każijiet kollha eżaminati mill-Kummissjoni, it-talbiet mill-kompetituri għandhom rwol ewlieni, biex b'hekk jiżguraw dixxiplina sħiħa mingħajr ma jirrikjedu n-notifika sistematika tal-iskemi tal-SGEI. Barra minn hekk, il-każistika u l-prattika tal-Kummissjoni jipprovdu biżżejjed gwida lill-partijiet ikkonċernati biex ikejlu jekk jistgħux b'mod sikur japplikaw id-Deċiżjoni mingħajr il-ħtieġa li jinnotifikaw l-iskemi tal-SGEIs biex jiżguraw iċ-ċertezza sħiħa. Il-KESE għalhekk jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tneħħi l-livell limitu tal-eżenzjoni u tinkludi l-SGEI kollha fid-Deċiżjoni irrispettivament mill-ammont ta' kumpens annwali, billi timxi fuq l-eżempju tal-iskemi ta' kumpens għat-trasport tal-passiġġieri ([6]).

3.2. L-istabbiliment ta' livell limitu skont il-volum tal-għajnuna involuta li b'hekk jiskatta n-notifika jista' jkollu rilevanza għall-iskrutinju fil-livell tal-UE, b'mod partikolari f'każijiet fejn l-għoti tal-għajnuna jinvolvi modalitajiet mhux trasparenti, bħal tnaqqis jew eżonerazzjonijiet fiskali, self aġevolat jew garanziji pubbliċi. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni tipprovdi li attivitajiet speċifiċi jistgħu jirrikjedu skrutinju minħabba tħassib dwar il-kompetizzjoni, u b'hekk tista' timponi notifika obbligatorja sabiex tindirizza dawn il-każijiet. Fi kwalunkwe każ, iż-żamma tal-livell limitu attwali stabbilit fl-Artikolu 2(1) (a) tad-Deċiżjoni f'dawn il-livelli estremament baxxi, timponi piż mhux dovut fuq l-awtoritajiet, mingħajr l-ebda vantaġġ viżibbli għall-infurzar tal-kompetizzjoni. Għalhekk, il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tillimita r-rekwiżit ta' notifika għal forom ta' għajnuna jew attivitajiet partikolari fejn id-distorsjonijiet potenzjali jistgħu jiġġustifikaw ħarsa aktar mill-qrib biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni.

3.3. Il-KESE jistieden lill-KE teżamina l-possibbiltà li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni sabiex tagħmel servizzi eliġibbli relatati mat-titjib fl-għarfien u fil-kwalifiki tan-nies u b'hekk jitjiebu l-opportunitajiet tax-xogħol tagħhom. Barra minn hekk, hemm il-ħtieġa li tingħata kjarifika f'oqsma ta' ambigwità li jinvolvu l-involviment privat, fejn tkun milqugħa aktar gwida.

3.4. Id-Deċiżjoni għandha tiżgura kompatibbiltà sħiħa mal-liġi Komunitarja ta' livell ogħla u tevita piż żejjed għall-awtoritajiet reġjonali u lokali. B'mod partikolari, l-Artikolu 8 jeħtieġ li l-Istati Membri jżommu disponibbli, matul il-perjodu ta' inkarigu u għal mill-anqas għaxar snin mit-tmiem ta' dak il-perjodu, l-informazzjoni kollha neċessarja biex tiġi determinata l-kompatibbiltà tal-kumpens mogħti. Din ir-regola tmur kontra l-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589, li jipprovdi li meta jiskadi l-perjodu ta' 10 snin, kwalunkwe għajnuna mogħtija ma tistax tiġi rkuprata u għalhekk il-Kummissjoni żżomm lura milli tressaqha għat-test ta' kompatibbiltà kif turi l-prattika tas-soltu tagħha. Il-preservazzjoni tal-informazzjoni għal aktar minn 10 snin li m'għandha l-ebda għan għall-kontroll tal-għajnuna mill-Istat tirrappreżenta piż żejjed għall-awtoritajiet u tikser il-prinċipji tal-proporzjonalità u tal-amministrazzjoni xierqa minquxa fit-Trattat.

([6]) ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1.

3.5. L-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni japplika għal inkarigi mogħtija għal massimu ta' 10 snin, ħlief għal dawk l-SGEIs li jeħtieġu investiment sinifikanti li jiġġustifika perjodu itwal. Filwaqt li l-prattika tal-Kummissjoni skont il-Qafas tinterpreta din ir-regola b'mod ġenerali li tipprevjeni l-inkarigi li jaqbżu dak il-limitu ta' żmien, it-test tad-Deċiżjoni jista' jimplika li l-impriżi li jħaddmu servizz pubbliku għal perjodu itwal jistgħu jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Il-KESE għalhekk jitlob li l-Kummissjoni tiċċara li l-limitu ta' żmien tal-inkarigi m'għandu jkollu l-ebda effett materjali fuq it-tiġdid jew l-estensjoni tagħhom jew fuq l-eliġibbiltà tal-fornituri ta' servizz li jkollhom il-mandat. Din il-kwistjoni hija partikolarment sensittiva fil-każ ta' fornituri bi sjieda pubblika fdati mill-awtoritajiet tagħhom, għaliex l-għan waħdieni tagħhom huwa li jipprovdu s-servizz pubbliku inkwistjoni.

3.6. L-Artikoli 5(5), (7) u (8), li jikkonċernaw profitt raġonevoli, għandhom jistabbilixxu metodu disponibbli faċilment għall-kalkolu tiegħu. L-approċċ attwali, b'mod simili għal dak fil-Qafas, jinkludi metodi bħar-Rata ta' Redditu Interna li huma wisq kumplessi għall-SGEI lokali u għalhekk jiskoraġġixxu l-użu tagħhom għall-kalkolu tal-kumpens. L-istabbiliment ta' valuri referenzjarji għall-profitabbiltà jinvolvi servizzi ta' konsulenza li jiswew il-flus u li ma jintlaħqux mill-biċċa l-kbira tal-SGEIs. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tiċċara din il-kwistjoni, għaliex il-prattika tal-Kummissjoni tapprova l-paragun dirett mal-profitabbiltà ta' setturi relatati fuq il-bażi ta' sorsi tad-data uffiċjali jew privati disponibbli li huma rikonoxxuti b'mod wiesa' bħala kompletament rappreżentattivi.

3.7. L-inċentivi għall-effiċjenza, filwaqt li huma nieqsa minn kwalunkwe definizzjoni, huma meqjusa fl-Artikolu 5(6) u għalhekk jeħtieġu aktar kjarifika, b'mod partikolari meta jindirizzaw ir-rekwiżit tal-kondiviżjoni tat-titjib fl-effiċjenza produttiva bejn l-impriża, l-Istat Membru u/jew l-utenti. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tneħħi kwalunkwe dubju dwar kif għandu jiġi interpretat dan ir-rekwiżit.

3.8. L-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni jipprevedi li kwalunkwe kumpens żejjed għandu jiskatta aġġornament tal-parametri għall-futur. Il-kumpens li ma jaqbiżx l-10 % tal-ammont annwali medju jista' madankollu jiġi ttrasferit għall-perjodu li jkun imiss. Il-konsistenza sħiħa targumenta li ma jsir l-ebda aġġornament tal-parametri fil-każ tal-aħħar, biex tiġi evitata rivalutazzjoni li tkun tinvolvi inċertezza legali għal fornituri maħtura f'każijiet li ma jaffettwawx il-kompetizzjoni. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tiżgura approċċ aktar flessibbli għal eċċessi żgħar li ma jaqbżux l-10 % tal-kumpens medju annwali li jeżentahom mill-aġġornament tal-parametri.

3.9. Kwalunkwe trattament diskriminatorju tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, u għalhekk tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali pprovduti f'dawn il-livelli, għandu jiġi evitat. Bħalissa, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jridu jippreżentaw it-talbiet, it-tweġibiet u d-dubji tagħhom permezz tal-mezz uffiċjali tal-Istat Membru tagħhom, għaliex dan tal-aħħar biss jista' jidħol fi djalogu formali dwar id-dispożizzjonijiet tal-għajnuna mill-Istat mal-Kummissjoni. Għalhekk, l-informazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet lokali u reġjonali għall-attenzjoni tal-Kummissjoni għandha tiġi kkunsidrata mill-Istat Membru rispettiv. Għalhekk, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi djalogu aktar strutturat mal-awtoritajiet lokali u reġjonali dwar il-proċeduri u l-kwistjonijiet tal-għajnuna mill-Istat. Ir-regoli u r-rekwiżiti dwar l-għajnuna mill-Istat għandhom jiġu adattati wkoll għall-ħtiġijiet speċjali u l-mezzi disponibbli għall-awtoritajiet reġjonali u lokali, biex b'hekk jiżguraw trattament ġust u ugwali fil-prattika.

## 4. **Jiġu ċċarati l-kundizzjonijiet tal-kompatibbiltà skont il-Qafas**

4.1. Il-Qafas jistabbilixxi fid-dettall ir-rekwiżiti differenti biex tiġi żgurata l-kompatibbiltà skont l-Artikolu 106(2) tat-TFUE u l-każistika li tinterpretah. Filwaqt li jipprovdi spjegazzjoni tajba tal-kriterji applikati mill-Kummissjoni, spiss jadotta pożizzjoni kawta żżejjed li toħloq problemi bla bżonn u tipproduċi grad ta' inċertezza. Il-prattika tal-Kummissjoni turi li f'ħafna oqsma dawn id-diffikultajiet ġew megħluba bl-applikazzjoni ta' interpretazzjoni prammatika tal-Qafas. Ir-referenzi speċifiċi li jsiru għal dawn is-soluzzjonijiet iżidu ċ-ċertezza tad-dritt u jirrinfurzaw b'mod effettiv trattament indaqs filwaqt li jippreservaw il-prinċipju li kull każ għandu jiġi eżaminat fuq il-merti tiegħu. Il-KESE għalhekk jirrakkomanda li l-Kummissjoni tispeċifika aktar il-modi alternattivi kif jista' jintlaħaq ir-rekwiżit li diġà huma użati b'mod wiesa' fil-prattika tagħha. Din il-kjarifika tneħħi ħafna mid-dubji li bħalissa jiffaċċjaw l-awtoritajiet u l-fornituri.

4.2. Skont it-Trattat, l-għoti u d-definizzjoni ta' mandat tas-servizz pubbliku jaqgħu taħt il-kompetenza fundamentali tal-Istati Membri. Għalhekk ir-referenzi fil-punt 13 tal-Qafas għall-kundizzjonijiet li l-SGIs/is-servizzi pubbliċi għandhom jissodisfaw jistgħu jservu biss bħala gwida siewja. Madankollu, l-inklużjoni ta' dawn ir-referenzi tista' tqajjem tħassib leġittimu dwar limitazzjoni potenzjali tas-setgħat tal-Istati Membri. Għaliex, huwa f'idejn l-Istati Membri biex jiddeċiedu, fl-interess pubbliku, dwar l-istandards ta' "kwalità, sikurezza, affordabilità, trattament indaqs, promozzjoni ta' aċċess universali u ta' drittijiet tal-utent" li kull servizz essenzjali għandu jissodisfa, irrispettivament mill-kopertura tiegħu mis-suq jew minn

mandat. L-Istati Membri għandhom ukoll is-setgħa li jiddeċiedu kif xieraq jekk l-iżgurar ta' dawk l-istandards jeħtieġx SGEI/servizz pubbliku. Il-kundizzjonijiet tas-suq, filwaqt li huma rilevanti ħafna, ma jistgħux iħassru jew irażżnu l-kapaċità tal-awtoritajiet li jiddefendu l-interess pubbliku. Il-KESE għalhekk jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tillimita l-azzjoni tagħha hawnhekk għal referenza għall-Komunikazzjoni ta' gwida tagħha li tillimita l-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni tagħha għall-kontroll tal-eżistenza potenzjali ta' żball evidenti, kwistjoni li finalment taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Qorti tal-Ġustizzja.

4.3. Il-punt 14 tal-Qafas mingħajr raġuni jqiegħed kundizzjonijiet fuq is-setgħat tal-Istati Membri biex jagħtu mandat billi jirrikjedi li dawn tal-aħħar iwettqu konsultazzjonijiet pubbliċi biex iqisu l-interessi tal-utenti u tal-fornituri, u b'hekk jaffettwa l-kompetenzi nazzjonali li jaqgħu barra mill-kompetenza tal-Kummissjoni. Filwaqt li l-awtoritajiet dejjem jagħtu attenzjoni xierqa lill-interessi tal-partijiet ikkonċernati, li jiġu mġiegħla jiġġustifikaw il-ħtieġa għal mandat u li jwettqu l-konsultazzjonijiet pubbliċi, jew jintroduċu strumenti alternattivi, ftit li xejn jaqbel mad-dispożizzjonijiet u l-prinċipji tat-Trattat. Il-prattika tal-Kummissjoni turi li tagħti attenzjoni limitata għal din ir-regola, b'mod speċjali jekk l-Istati Membri jiffaċċjaw ostakoli fl-infurzar tagħha. Il-KESE għalhekk jipproponi li l-Kummissjoni tabbozza mill-ġdid dan il-punt sabiex tevita rekwiżiti obbligatorji li jistgħu jaffettwaw il-proċeduri nazzjonali tat-tfassil tal-liġijiet, u joħolqu problemi mhux iġġustifikati.

4.4. Ir-rekwiżit skont il-punt 19 tal-Qafas li l-inkarigi jikkonformaw mar-regoli tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni jonqos milli jqis li l-liġi sekondarja f'dan il-qasam esperjenzat reviżjoni profonda wara l-pakkett dwar l-akkwist tal-2014. Id-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku tapplika biss, skont l-Artikolu 1(2) tagħha, għal akkwiżizzjonijiet minn awtoritajiet kontraenti u ma tistax timponi reġim vinkolanti fuq l-SGEIs għaliex jirreferu għal kompiti mwettqa minn impriża f'isem l-awtorità. Għalhekk, kwalunkwe rekwiżit skont il-liġi dwar l-akkwist ikun qed imur kontra d-Direttiva li tirregolah. Il-pakkett dwar l-akkwist tal-2014 jirregola wkoll il-konċessjonijiet għall-ewwel darba. Imma jkun qed jiġi żgwidat bil-kbir jekk xi ħadd jiddeduċi li l-SGEIs jistgħu jaqgħu taħt dan ir-reġim: il-konċessjonijiet jimplikaw li l-impriżi jassumu r-riskju kollu meta l-għotja tkun ingħatat, f'kuntrast qawwi mal-SGEIs, fejn l-awtoritajiet ikopru l-ispejjeż żejda involuti fit-tħaddim tas-servizz, biex b'hekk jiġi mminimizzat ir-riskju. Huwa biss fejn l-awtorità tagħżel li tapplika t-trattament konċessjonali għal SGEI li dan ir-reġim japplika, imma f'dawn il-każijiet ma jkunx hemm element ta' għajnuna, għaliex il-fornitur maħtur iġorr ir-riskju kollu. Għalhekk, la r-regoli tal-akkwist u lanqas ir-regoli konċessjonali ma japplikaw għall-SGEIs. Legalment, il-Qafas jista' jistieden biss lill-Istati Membri jimplimentaw, fejn applikabbli, il-prinċipji tat-trasparenza u t-trattament indaqs fl-għażla tal-fornituri, b'mod partikolari dawk privati, mingħajr l-ebda obbligu vinkolanti marbut ma' din it-talba. Il-KESE għalhekk jitlob lill-Kummissjoni tirrevedi l-Punt 19 tal-Qafas biex tqis kif xieraq ir-rekwiżiti legali ġodda fir-rigward tal-akkwist u l-konċessjonijiet.

4.5. Minkejja li l-Punt 22 tal-Qafas jipprovdi li l-kumpens jista' jkun ibbażat fuq l-ispejjeż u d-dħul mistennija jew attwalment imġarrba, spiss ħafna l-prattika tal-Kummissjoni tirrikjedi l-istabbiliment ta' ammonti kumpensatorji *ex ante*. Dan il-metodu tal-kalkolu, li jipprevjeni lill-awtoritajiet milli jikkumpensaw *ex post* skont il-kost nett effettiv, jidher li huwa interferenza żejda li tista' twassal għal problemi li ma jissolvewx, għaliex jekk l-ammonti *ex ante* jonqsu milli jkopru l-ispiża netta, il-fornitur jiffaċċja nuqqas ta' finanzjament sistematiku. Barra minn hekk, jekk l-awtorità tipprovdi appoġġ addizzjonali biex tagħlaq dan id-distakk, fil-prinċipju tkun qed tiffaċċja penali potenzjali għal ksur tal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni. Il-prattika tal-Kummissjoni b'mod ġenerali injorat din l-inkonsistenza ħlief f'każijiet fejn il-pretendent ikun qajjem il-kwistjoni. Filwaqt li jidher xieraq li tiġi stabbilita *ex ante* l-metodoloġija għall-kalkolu tal-kumpens, l-ammonti tentattivi li jsegwu m'għandu jkollhom l-ebda karattru vinkolanti. Huwa biss meta r-riżultati annwali jkunu disponibbli li l-kalkolu tal-ispiża netta u l-kumpens korrispondenti jkunu jistgħu jsiru. Il-KESE għalhekk jistieden lill-Kummissjoni tiżgura konsistenza u konformità sħaħ mat-tieni kriterju Altmark billi takkoppja l-metodoloġija *ex ante* mal-użu sħiħ tal-kalkolu *ex post* tal-ispiża netta, sakemm l-awtorità ma tippreferix tistabbilixxi l-kumpens fiż-żmien tal-inkarigu.

4.6. Il-metodu tal-Ispiża Evitata Netta għall-kalkolu tal-kumpens huwa bbażat fuq il-preżunzjoni li fin-nuqqas ta' obbligu ta' servizz pubbliku l-fornitur maħtur jista' jnaqqas l-attivitajiet tiegħu u jimmira li jimmassimizza d-dħul. Il-metodu konvenzjonali tal-Ispiża Evitata Netta jkun ifisser li l-fornitur ma jkomplix l-attivitajiet kollha li jagħmlu telf. Id-differenza bejn dan ix-xenarju kontrofattwali u r-riżultati attwali tal-fornitur ta' servizz tiddetermina l-ammont tal-kumpens. Il-Kummissjoni reċentement irrakkomandat l-approċċ tal-Ispiża tal-Profitabbiltà (PC), fejn il-kontrofattwali jkun it-twaqqif tal-attivitajiet li jipprevjenu lill-impriża milli timmassimizza r-riżultati tagħha. Il-kumpens għalhekk ikopri mhux biss l-ispejjeż addizzjonali tal-SGEI imma wkoll l-attivitajiet anqas effiċjenti, anke jekk profitabbli. Biex jitnaqqsu l-ħlasijiet kumpensatorji, il-Kummissjoni teħtieġ li l-vantaġġi tas-suq u mhux materjali li jgawdi l-fornitur jitnaqqsu mill-kumpens. Il-preferenza għall-

approċċ tal-PC twassal għal diverġenzi *de facto* fl-implimentazzjoni ta' prinċipju uniku, li għalhekk jikkomprometti ċ-ċertezza tad-dritt. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tapprova ż-żewġ approċċi u tipprovdi aktar gwida dwarhom fil-Qafas, li bħalissa bilkemm fih indikazzjoni ta' kif se jiġu stabbiliti l-kontrofattwali rilevanti.

4.7. Il-metodu tal-allokazzjoni tal-ispiża jidher l-aktar wieħed xieraq għall-biċċa l-kbira tal-SGEIs, għaliex il-kalkolu tiegħu huwa bbażat fuq id-differenza bejn l-ispejjeż biex jiġi ssodisfat l-obbligu ta' servizz pubbliku u d-dħul korrispondenti. Minkejja dan, l-Istati Membri li jridu jużaw dan il-metodu jridu jiġġustifikaw ir-raġunijiet biex jitwarrab l-approċċ tal-Ispiża Evitata Netta li mill-bqija huwa meqjus obbligatorju. Billi l-Ispiża Evitata Netta tinvolvi analiżi kumplessa u għalja, u spiss ikunu meħtieġa servizzi ta' konsulenza esterna, il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tirrikonoxxi dan il-metodu bħala wieħed kompletament validu, fuq l-istess livell bħall-Ispiża Evitata Netta ħlief għal attivitajiet speċifiċi bħas-servizzi postali fejn din il-metodoloġija tibqa' dik vinkolanti, skont it-Tielet Direttiva Postali.

4.8. Il-Punt 32 tal-Qafas, dwar id-dħul, bir-raġun jinkludi l-profitti eċċessivi ġġenerati minn drittijiet speċjali jew esklużivi. Madankollu fil-prattika reċenti dan kien jinkludi profitti mill-provvista universali anke jekk ma jkunux ġejjin minn dawn id-drittijiet, biex b'hekk iwassal għal valutazzjonijiet qarrieqa. Għandu jiġi enfasizzat li l-kopertura universali timplika żvantaġġ għaliex il-fornitur maħtur huwa marbut li jservi territorju partikolari irrispettivament mill-ispejjeż imġarrba. Għalhekk, jekk il-fornitur iwettaq dan is-servizz fuq bażi profitabbli, il-prinċipji tat-Trattat jinkisru jekk dan l-eċċess kellu jiffinanzja fuq bażi obbligatorja obbligi ta' servizz pubbliku oħrajn li jkunu qed jagħmlu telf. Il-KESE għalhekk jitlob lill-Kummissjoni tiċċara dan il-punt u tagħmel distinzjoni bejn drittijiet speċjali jew esklużivi li jinvolvu vantaġġ li l-profitt tiegħu għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fil-finanzjament tal-obbligi ta' servizz pubbliku u kopertura universali li tinvolvi żvantaġġ għall-fornitur maħtur.

4.9. Il-profitt raġonevoli kif previst fil-Qafas iqajjem xi kwistjonijiet li jeħtieġu aktar kjarifika. Filwaqt li l-Qafas jippromovi l-użu tar-Rati ta' Redditu Interni, jirrikonoxxi d-diffikultà inerenti biex jiġi applikat dan il-metodu. Għalhekk, fil-prattika l-Kummissjoni tqabbel kumpaniji mill-istess settur jew minn settur relatat bl-użu ta' kriterji ta' profitabbiltà standard bħall-ROE jew l-ROS. Madankollu n-nuqqas ta' ċertezza dwar il-kwistjoni spiss iwassal għal riżultati diverġenti. Il-KESE għalhekk jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tirrikonoxxi l-kriterji kollha tal-profitabbiltà standard u stabbiliti sewwa aktar milli tagħmel xi wieħed minnhom obbligatorju. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi aktar kjarifika dwar l-istandards tal-profitabbiltà u li jiġi permess l-użu ta' standards differenti aktar milli jiġi impost wieħed partikolari fuq l-Istati Membri.

4.10. Ir-rekwiżit obbligatorju tal-effiċjenza skont il-punti 39 sa 46 tal-Qafas qed juri li huwa ostakolu kbir kemm għall-partijiet ikkonċernati kif ukoll għall-awtoritajiet. Billi l-Qafas ma jipprovdi l-ebda ħjiel dwar kif jiġu kkalkulati l-inċentivi għall-effiċjenza, il-prattika tal-Kummissjoni tippermetti valutazzjonijiet ferm diverġenti, biex b'hekk tikkomprometti l-prinċipji taċ-ċertezza tad-dritt u tat-trattament indaqs. Il-KESE għalhekk jitlob lill-Kummissjoni tiċċara aktar il-modi alternattivi tal-kalkolu ta' dawn l-inċentivi, li l-użu tagħhom m'għandux ikun vinkolanti minħabba l-kumplessità involuta.

Brussell, is-6 ta' Lulju 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS